MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**IAN FARRUGIA**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2013

Numru 557/2013

**Il- Pulizija**
**(Spettur Jason Francis Sultana)**

**Vs**

**Crispin Grima**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Crispin Grima ta’ 35 sena iben Joseph u Maria Carmen nee’ Esposito, mwieled l-Pieta’ fit- 18 ta’ Awwissu 1977, u residenti Block M, Flat 14, Triq iz-Znuber, Santa Lucija u detentur tal-karta tal-identita` Maltija numru 387377M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fl-Imsida nhar l-1 ta’ Gunju 2013 fit-03.15 ta’ fil-ghodu, wettaq attentat vjolenti ghall-pudur ta’ Shanti Shrestha (Achhami) detentrici tal-karta tal-identita’ bin-numru 66464A;

U wkoll talli f'lok pubbliku instab fis-sakra b'mod li ma setghax jiehu hsieb tieghu nnifsu;

Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412 (C) tal Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa.

F'kaz ta' htija l-Qorti hija mitluba li biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Shanti Shrestha (Achhami) ai termini ta' l-artikolu 383 et sequitur, tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tas-Seduta ta' llum stess;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat anki wara li inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

In vista ta' dan il-Qorti ma ghandiex triq ohra hlief li ssib htija skond l-imputazzjonijiet kif dedotti.

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta' l-Ufficjal Prosekutur kif wkoll tad-difensur in tema ta' piena u jew sanzjoni. Rat partikolarment il-verbal tal-partijiet fejn stqarru li kien hemm qbil bejniethom li, fic-cirkostanzi kollha tal-kaz odjern, l-ahjar sanzjoni ghandha tkun dik skond l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat**;

Illi fis-sottomissjonijiet finali taghhom, il-partijiet ghamlu referenza ghall-koperazzjoni shiha da parti tal-hati waqt l-investigazzjoni. Partikolarment id-difiza, ghamlet referenza ghall-ammissjoni bikrija tal-hati, ghall-fatt li hu b'ghemilu sofra griehi fizici ta` certu portata li ser jibqa jbaghti biehom ghomru kollu, li l-ghemil tieghu potenzjalment jista johloqlu diffikultajiet fiz-zwieg, u li dan l-incident kien wiehed sporadiku fil-hajja tieghu, liema incident sehh minhabba konsum zejjed ta` xorb

alkoholiku. Gie sottomess mid-difiza illi dan kien moment sfortunat fil-hajja tieghu u li, bl-ammissjoni tieghu, il-hati qed jaccetta minghajr rizervi, ir-responsabbilta` ta` ghemilu skond il-ligi; gie sottomess mid-difiza wkoll li l-hati ddispjacieh tal-ghemil tieghu kif jirrizulta mill-istqarrija moghtija lill-pulizija; huwa zbalja serjament u gie putwalizzat il-fatt li b'karcerazzjoni effettiva, ser tigi pperikolata l-familja tieghu u dan ma jkunx fl-interess tas-socjeta` in generali.

**Ikkunsidrat**;

Illi kif gia gie ritenut kemm il-darba mill-Qrati ta` Gustizzja Kriminali, l-ammissjoni bikrija ma taghtix xi dritt awtomatiku ghal riduzzjoni fil-piena u li kwalunkwe forma ta` qbil bejn il-prosekuzzjoni u d-difiza dwar il-potenzjali piena u/jew sanzjoni, ma torbotx lill-Qorti, li fl-ahhar mill-ahhar ghandha tkun hi li tapplika u tinfliggi piena jew sanzjoni li jidrilha li tkun l-aktar idoneja ghac-cirkostanzi tal-kaz li jkun.

Illi din il-Qorti, kif inhu l-obbligu taghha, hekk ghamlet. Qiset sew ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u ta` dak kollu li gie mqieghed quddiemha, kemm bhala dokumenti kif ukoll bhala sottomissjonijiet orali. Minghajr tlaqlieq, din il-Qorti tiddikjara li r-reat ta` attentat ghall-pudur bil-vjolenza skond l-Artikolu 207 kif migjub kontra l-hati huwa wiehed serju hafna, u fejn ma hemmx xi raguni u/jew cirkostanza partikolari, il-hati ta` dan ir-reat ikun jimmerita li jigi karcerat b'mod effettiv. Fid-dawl ta` dan pero`, l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9. Dan hu wiehed minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat li l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 jista jigi applikat meta Qorti taghti sentenza ta` prigunerija ghal zmien ta` mhux izjed minn sentejn. L-Artikolu 207 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta jikkontempla piena ta` prigunerija minn tlett xhur sa sena.

Illi b'rispett lejn dak li jikkontempla l-imsemmi Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, din il-Qorti hi tal-fehema u li hi sodisfatta, wara li qiset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz

kif gia intqal, li ghandha titratta mal-hati permezz ta` sentenza ta` prigunerija izda li din ghandha tkun sospiza skond it-termini tal-istess artikolu tal-ligi.

**Ghall-dawn il-mottivi**, l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 207, 338(ff), 28A u 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ssib lil Crispin Grima hati ta’ l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah komplessivament ghal erba` (4) xhur prigunerija li, bl-applikazzjoni u ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, jibqghu sospizi ghall-perjodu ta’ sena (1) millum. In oltre, peress illi jidhrilha li huwa xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta` ta` Shanti Shrestha (Achhami), l-Qorti qed torbot lill-hati b’obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta` elf Euro (€1000) ghal zmien sena mill-llum, u dana ai termini ta` l-Artikolu 383 tal-Kap 9.

Il-Qorti tat lill-hati l-ispjegazzjonijiet skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti tordna li, ai termini ta’ l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-atti kollha ta’ dan il-procediment u kopja ta’ din is-Sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------